REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 656/2008

ta' l-10 ta' Lulju 2008

li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Chamomilla Bohemica (DPO), Vlaams-Brabantse tafeldruif (DPO), Slovenská parenica (IĠP), Cipollotto Nocerino (DPO))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6(2), l-ewwel subparagrafu, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni tar-Repubblika Ċeka biex tirreġistra l-isem "Chamomilla Bohemica", l-applikazzjoni tal-Belġju biex jirreġistra l-isem "Vlaams-Brabantse tafeldruif ", l-applikazzjoni tas-Slovakkja biex tirreġistra l-isem "Slovenská parenica", l-applikazzjoni ta' l-Italja biex tirreġistra l-isem "Cipollotto Nocerino", ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, dawn id-denominazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjonijiet li jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament huma b'dan irreġistrati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 417/2008 (ĠU L 125, 9.5.2008, p. 27).

[2] ĠU C 243, 17.10.2007, p. 11 (Chamomilla Bohemica); ĠU C 244, 18.10.2007, p. 40 (Vlaams-Brabantse tafeldruif); ĠU C 249, 24.10.2007, p. 26 (Slovenská parenica); ĠU C 257, 30.10.2007, p. 54 (Cipollotto Nocerino).

ANNESS

Prodotti agrikoli ghall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat

Klassi 1.3. Ġobon

IS-SLOVAKKJA

Slovenská parenica (IĠP)

Klassi 1.6. Frott, ħxejjex u ċereali fl-istat oriġinali jew ipproċessati

IL-BELĠJU

Vlaams-Brabantse tafeldruif (DPO)

L-ITALJA

Cipollotto Nocerino (DPO)

Klassi 1.8. Prodotti oħrajn ta' l-Anness I għat-Trattat (ħwawar, eċċ.)

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Chamomilla Bohemica (DPO)